MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 12/2007

**Michael Mifsud.**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kjamat in kawza Ivan Falzon.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Michael Mifsud datat 12 ta’ Dicembru 2007 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

Illi permezz tal-permess PA 69 62/03 mahrug mill-Kummisjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp il-kjamat in kawza Ivan Falzon gie akkordat lilu "*sanctioning of extension, demolition of existing room & construction of tools shed of existing dwelling*" Nru 82, Vjal il-Bonpastur, Balzan.

Illi permezz ta' decizjoni moghtija fit-tletin (30) ta' Novembru 2007, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell minnu maghmul u kkonferma u permess mahrug lilu mill-Kummisjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'dik id-decizjoni hu qed jinterponi l-umli l-appell tieghu lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi bhala fatti ghandu jkun hemm qbil illi, l-applikazzjoni mertu ta' din il-kawza saret fuq propjeta komuni u mhux unikament fuq fond appartamenti in kjamati in kawza Ivan Falzon.

Illi intalab u gie ottenut il-hrug ta' permess fuq parti minn fond li jikkonsisti f'*carport*, propjeta` komuni bejn iz-zewg partijiet. Wiehed juza l-parti ta' quddiem ossia l-appellant lil kjamat fil-kawza Ivan Falzon juza l-parti ta' wara.

L-istess odjern appellant juza l-bejt sovrastanti z-zewg porzjonijiet tal-garaxx.

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest billi jikkonsisti illi l-Onorabbli Awtorita` ta' l-Ippjanar ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi fl-**artikolu 39A tal-Kap. 356** u applikat ukoll erronjament.

Illi l-applikazzjoni ta' Ivan Falzon hija applikazzjoni karpita u vizzjata bi frodi u dan fuq zewg binarji, difatti relatat mill-**artikolu 39A** ta' l-istess **Kap. 356.**

Rigward it-titolu ta' propjeta`, il-"*Guidance Notes for Applications*", sezzjoni 29 stabbilita mill-MEPA tghid testwalment *certificate of ownership*" "*use certificate B where the applicant is not the sole owner but all other owners are not. In this case you must send a notice by Registry on the other owners stating that the application is being made. The registered letter should be in the form indicated in the example, supplied certificate B*"

Din hija procedura mandatorja li f'dan il-kaz ma gietx osservata ghax l-istess applikant Falzon allega fl-applikazzjoni tieghu lil proprjeta` unikament tieghu u

1) L-odjern appellant ma giex notifikat kif trid l-istess procedura stabbilita mill-MEPA. Kif ritenut fil-kazijiet fl-ismijiet **"Cortis vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** ta' 19 ta' Gunju 2001 u **"Debono vs l-Awtorita ta' l-Ippjanar"** deciza f' Ottubru 2001, gie stabbilit illi minn japplika ghandu jiccertifika lill-Awtorita' li huwa s-sid tal-art javza lis-sid bl-intenzjoni li japplikha b'ittra registrata, li l-Awtorita' tkun irceviet kopja taghha.

2) Dan ir-rekwizit huwa wiehed essenzjali u ma jistax jigi njorat minghajr konsegwenzi serji.

3) L-elementi konsiderati bhala essenzjali fl-applikazzjoni tal-permess sottomess lill-Awtorita` ghandhom jigu gewwa osservati anke taht nullita` ghax il-ligi meta tistipula tesigihom u tkun qed taghmel biex tipprotegi s-serjeta' tal-proceduri izda wkoll l-interessi tal-applikant u ta' terzi interessati.

4) Dikjarazzjoni zbaljata fis-*Certificate of Ownership* mhux xi difett procedurali biss imma anke fundamentali u essenzjali ghax tolqot id-dritt ta' kull proprjetarju a distinzjoni ta' kull u ghalhekk l-applikazzjoni ta' kull permess tkun nulla.

Fil-kaz in ezami Falzon mhux talli ma ddikjarax li ma kienx hu unikament s-sid tal-proprjeta` izda wkoll naqas illi jsegwu l-procedura u javza lit-terzi interessati inkluz l-appellati. Dan ir-rigward ukoll anke l-istess MEPA naqset meta ghalkemm rinfaccata s-sottomissjoni ma haditx dawk il-mizuri opportun biex d-dritt ta' l-appellant jigi jissalva gwardjat.

Illi fit-tieni lok is-sottomissjoni tal-pjanti minn Falzon huma kolpiti bi frodi kif ezistenti billi dawn ma jiriflettux l-lok u is-sitwazzjoni li kien hemm vigenti fuq il-post.

Dan il-punt gie anke sottomess meta gie mizmum l-access fuq il-post meta l-membri tal-Bord kellhom il-fakulta` u l-possibbilta` li jaraw fiex kien jikkonsisti l-fond. Iktu ocoli u minn ezami li ma hawnx ghalfejn issir min wiehed, au courent dik il-professjoni setgha wiehed jara facilment illi l-pjanta kif sottomessi ma kinetx dik li tirifletti fuq il-post. Huwa inutli illi l-MEPA tissottometti li ghalkemm se jinghataw permess dan qed isir minghajr pregudizzju tad-drittijiet ta' terzi.

Dan huwa kaz lampanti fejn il-Mepa kellha tiehu l-inkarigu u l-isbrigu da parti taghha stess tara tinvestiga u tixtar mill-att legali sottomess mill-applikant Falzon. Il-punt legali illi kull ma sar minn Falzon kien karpit bi frodi u ma kienx qed jimxi skont il-ligi minnu nnifsu ikkostitwixxi ksur tal-ligi illi ma jistax tigi skartat mill-MEPA stess illi tiddikjara illi l-appellant odjerna ghandu remedju quddiem il-ligi fis-sens illi *una volta* jkollu l-permess dan jaghmillu l-kawza biex ma jibdiex.

Il-ligi mhux qieghda hemmhekk biex taghti biss soluzzjoni izda biex tikkostitwixxi preventiv minna nnifisha biex ic-cittadin ma jkollux ghalfejn jiehu il-passi hekk ritenuti neccessarji mill-MEPA stess.

Ghaldaqstant, l-appellant fllwaqt li ghamel referenza ghal provi prodotti quddiem il-Kummisjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u l-Bord ta' l-Appell ta l-Ippjanar u jirriserva minn issa li ggib il-provi ulterjuri f’dan l-istadju tal-appell, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara nulla u bla effett l-applikazzjoni sottomessa mill-kawza kjamat Ivan Falzon u konsegwentement tichad il-permess mahrug mill-istess Kummisjoni tal-Kontroll tal-Izvilupp u konfermat mill-Bord tal-Appell tal-Ippjanar bl-ispejjes kontra iz-zewg appellati.

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ Ivan Falzon datata 3 ta’ Jannar 2008 a fol. 6 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li minnha qieghed isir l-appell odjerna hija gusta u timmerita li tkun ikkonfermata.

Illi fl-ewwel lok jigi sottomess umilment illi l-appell odjern jittratta l-istess punti ta' fatti li diga' kienu diga' gew sottomessi quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u debitament trattati, u ghalhekk a bazi tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Kap. 356**, l-appell odjern huwa legalment insostenibbli u ghandu jkun michud kontra l-appellant.

Illi kuntrarjament ghal dak li jallega l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, ma saret l-ebda interpretazzjoni tal-ligi fl-**artikolu 39A tal-Kap. 356**, wisq anqas interpretazzjoni hazina tal-ligi! Illi fil-fatt l-appellant stess jibbaza l-appell tieghu fuq allegazzjoni ta' fatt li huwa tenna *ad nauseam* u cioe' li l-applikazzjoni in kwistjoni "hija applikazzjoni karpita u vizzjata bi frodi" liema allegazzjoni ta' fatt hija ghal kollox infondata fattwalment u dan kif irrizulta ampjament fil-procedura quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u li l-istess Bord ukoll ikkonkluda li kienet infondata.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost jigi sottomess illi l-applikazzjoni tal-appellat li ma saretx biss sabiex tigi demolita l-*washroom* in kwistjoni imma wkoll sabiex jigu sanzjonati xi alterazzjonijet u tibdiliet li kien ghamel l-appellat minn zmien ghal zmien f'partijiet ohra mill-propjeta' tieghu, saret fuq dik il-parti tal-*carport* in kwistjoni li l-appellant juza b'mod esklussiv, u r-referenza ghall-*carport* in kwistjoni fic-citazzjoni pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili hija kjarament referenza ghall-istat originali tal-fond meta kien inxtara dak l-istess fond, kif *del resto* jirrizulta mill-kuntratt ta' kompravendita, kopja tieghu annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok "1-IF", u mir-ritratt tal-istess *carport* fl-istat originali tieghu fiz-zmien li nxtara l-fond (kopja tar-ritratt ukoll annessa man-nota ta" sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok "A1-IF").

Illi bhala fatt jirrizulta illi mid-data tal-akkwist tal-fond propjeta' tal-appellat, l-istess fond sarulu diversi tibdiliet u

alterazzjonijiet strutturali fosthom il-kostruzzjoni ta' garaxx gdid fid-*driveway* u mhux estensjoni tal-*carport* originali kif donnu jimplika l-appellant. Illi fil-fatt wiehed japprezza mir-ritratt, li kopja tieghu giet ukoll annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok "2-IF", differenza fil-livelli ta' cirka tliet filati. Illi l-garaxx ta' quddiem, illum huwa okkupat u wzat esklussivament mill-appellant (u l-familja tieghu), mentri l-*carport* originali, li kien gie konvertit f'*washroom*, huwa wzat mill-esponenti (u l-familja tieghu) b'mod ghal kollox esklussiv. Kull wiehed mill-kontendenti m'ghandux access ghal parti tal-kontendent l-iehor. L-ittra minghand il-Perit Grech, datata 24 ta' Frar, 2005 (kopja taghha wkoll annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok. "A2-IF") tikkonferma dan l-istat ta' fatt.

Illi ta' min wiehed isemmi wkoll illi l-appellant kien iddecieda arbitrarjament illi jiftah bieb ghal fuq it-terrazzin sovrapost il-garaxx gdid li kien inbena u l-*carport* imsemmijin hawn fuq, b'mod illi gie jhares (mill-istess terrazzin) ghal fuq il-gnien tal-esponenti, u dana bi ksur car tal-"*Building Policy Regulations 2000* (kopja ta' estratt minnhom, imsemmija f'*email* annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok. "3-IF"). Man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar gie anness ukoll ritratt, immarkat Dok. "3-IF" li jikkonferma s-suespost. L-appellant bena wkoll, minghajr il-kunsens tal-appellant "*temporary washroom*" fuq il-parti tat-terrazzin sovrapost direttament fuq il-*carport* in kwistjoni bil-pretensjoni tal-appellant illi l-arja tal-garaxx, u fuq kollox l-arja fuq il-*carport* kienet tappartjeni lill-istess appellant. (Ara Dok. "4-IF), u dan mhux biss bi ksur tad-drittijiet tal-appellat imma wkoll bi ksur tar-regolamenti tal-Awtorita` appellata; dwar dan, l-appellat ghamel ilment, li kopja tieghu giet annessa ma' ittra tal-istess appellat esibita in atti, imma ghamel ukoll kawza li qieghda tinstema' quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, liema kawza, u mhux il-process quddiem l-Awtorita' appellata ghandha tiddetermina d-drittijiet rispettivi bejn l-appellant u l-appellat, ghaliex kif inhu *ben risaput* u kif

tajjeb osserva l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, kull permess li tohrog l-Awtorita` appellata, tohorgu bla pregudizzju ghad-drittijiet ta’ terzi.

Illi fil-kuntest tat-talba tal-appellant lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-istess Kummissarju jinvestiga l-allegata frodi, diga` gie konkluz pozittivament fis-sens illi ma kien hemm ebda irregolarita' fl-applikazzjoni odjerna, u fuq kollox illi l-pjanti sottomessi mill-appellat jirreflettu sew l-istat tas-sit li dwaru saret l-applikazzjoni in kwistjoni.

F'dan is-sens man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar giet ezibita kopja ta' ittra f’dan is-sens, u mmarkata Dok. “5-IF”.

Illi fl-ahharnett. il-pjanta (mhux skalata), ezibita mill-appellant (kopja taghha annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Apell dwar l-Ippjanar u mmarkata Dok. “6-IF”) m'hijiex korretta. F'din il-pjanta l-appellant halla barra [malizjozament] dik il-parti fl-arja tal-bitha tal-esponenti li huwa kien bena minghajr il-kunsens tal-esponenti, u li dwarha (u irregolaritajiet ohra, anke irregolaritajiet li jikkoncerna l-Ippjanar, li izda m'humiex il-mertu tal-prezenti appell) saret ic-citazzjoni msemmiha hawn fuq. Dan jinghad sabiex jesponi l-animu tal-appellant li biha l-istess appellant ghamel krucjata quddiem l-organi tal-Awtorita' appellata, kif l-appell odjern, liema krucjata tikkostitwixxi abbuz serju tal-process odjern, u dan sabiex ifixkel bla bzonn lill-appellat mit-tgawdija tal-propjeta` tieghu. F'dan ir-rigward, hija l-umli fehma tal-appellat illi din l-Onorabbli Qortri ghandha tqis dan l-appell bhala wiehed frivolu u vessatorju u tiehu dawk il-mizuri opportuni kontra l-appellant. Ghalhekk filwaqt li l-appellant stess illeda u qieghed jilledi d-drittijiet tal-appellat kif inghad hawn fuq, fl-istess hin qieghed ifixkel lill-appellat fit-tgawdija tal-propjeta` tieghu u jaghmel allegazzjonjiet bla ebda bazi fattwali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, b'referenza ghall-provi kollha gia` prodotti quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, anke ghall-korrispondenza skambjata, u ghall-

protest gudizzjarju (kopja taghhom annessa man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar), u b'riserva ghal provi ulterjuri, din l-Onorabbii Qorti ghandha filwaqt li tichad l-appell odjern. tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li biha l-istess Bord ikkonferma l-permess mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp favur l-appellat, u cahad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellant, u taht kull provvediment iehor xieraq u opportun inkluz li l-appell odjern jitqies bhala wiehed frivolu u vessatorju *a tenur* tal-**artikolu 229(9) tal-Kap. 12** u konsegwentement taqta' spejjez doppji kontra l-appellant u favur l-appellat, u tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat somma li ma tkunx izjed minn elf lira maltin (€2.329.37) bhala penali.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 15 ta' Frar 2008 a fol. 9 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Michael Mifsud vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-rikors tal-appell ta' Michael Mifsud datata 18 ta' Gunju 2008 a fol. 13 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju fis-sens li fejn tissemma' l-Qorti tal-Appell ghandu jigi mizjud il-kliem "Sede Inferjuri".

2. Illi fil-mertu, l-appellant semma' l-**artikolu 39A** rigward informazzjoni frawdolenta izda mbaghad ma ssostanzjax. Illi l-appellant ghandu jkun jaf illi l-procedura tal-**artikolu 39A** hija procedura stabbilita mill-**Att I tal-1992** li tghid illi meta persuna thoss li permess ikun ingieb b'qerq, dan jista' jaghmel talba lill-Awtorita` esponenti sabiex jannulla jew jimmodifika dak il-permess. Pero` jinghad ukoll illi li kieku l-Awtorita` kienet konxja ta' dak il-fatt hekk mistur kienet xorta wahda taghti dak il-permess, mela l-**artikolu 39A** ma japplikax. Illi dan l-Artikolu qatt ma gie mqajjem quddiem il-Bord u ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li kellha tkun hemm xi decizjoni fuqu.

3. Illi a rigward tal-fatt illi l-applikant ma ssottometta inforamazzjoni falza fis-sens illi hu ma qalx verament li ma kienx sid uniku, il-procedura tal-MEPA minn dejjem kienet illi tinforma lill-applikant bl-oggezzjoni, izda jekk hu jibqa' jghid illi hu l-uniku sid, mela l-applikazzjoni tkomplu tigi pprocessata fuq punti ta' ppjanar. L-Awtorita` qatt ma tista' b'mod arbitrarju tiddiciedi min hu sid ta' xi proprjeta`. Dan il-principju gie stabbilit mill-Qorti tal-Appell.

4. Illi a rigward ta' pjanti qarrieqa, jigi rilevat illi bl-ittra ta' Kevin Ciantar lill-Pulizija din il-kwistjoni giet rizorta ghaliex effettivament huwa qal li dak li kien hemm gol-pjanti kien jirrispekkja x' kien hemm fuq is-sit. Ghaldaqstant il-Bord kien korrett meta ddecieda fuq dan il-punt.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel refereza ghall-provi gja` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata tletin (30) ta' Novembru 2007 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permssi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Michael Mifsud, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tal-tletin (30) ta' Novembru 2007, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-2- ta' Novembru 2008 fejn meta ssejjah l-appell deher l-appellant assistit mill-Avukat Dr. Joseph Bonnici, Dr. Stephen Muscat ghall-kjamat in kawza u Dr. Claire Zammit Stafrace u Ivor Robinich ghall-Awtorita` intimata. Id-difensuri tal-partijiet ghandhom jesebixxu l-*'guidance notes for application'* u dan fi zmien tletin (30) guranta minn dan il-verbal. *Seduta stante* Dr. Bonnici esebixxa l-'*guidance notes for application*'. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Marzu 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell minn terza persuna interessata kontra l-permess li nhareg favur l-kjamat in kawza Ivan Falzon ghall-*"sanctioning of extension, demolition of existing room & construction of tools shed of existing dwelling"* fil-fond Numru 82, Vjal il-Bonpastur, Balzan, u dan *stante* li l-istess appellanti qed isostni li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** peress li l-applikazzjoni npunjata hija vizzjata bil-frodi u dan peress li inghad li l-applikant uza ic-certifikat "B" skont artikolu 29 tal-*"Guidance Notes of Applications"* meta huwa ma huwiex l-unika proprjetarju tas-sit in kwistjoni, u li l-pjanti sottomessi ma' jirriflettux l-lok u sitwazzjoni vigenti fuq il-post.

Illi fl-ewwel lok l-appellati sostnew li tali appell mhux ammessibbli skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** peress li l-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma fiha l-ebda interpretazzjoni tal-istess artikolu.

Illi l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:-

"*Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skont l-artikolu 41 (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Vella vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fis-17 ta' Frar 2003 (A.I.C. (RCP) Appell Numru 2/2002) inghad illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dana jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas*

*fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennunzjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-fatt fis-sentenza ta' "**Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:-

*"Il-ligi tghid espressament fl-artikolu 15 (2) li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru -- punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu)."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad illi:-

*"din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu.*

Illi din l-interpretazzjoni ristrettiva hadet xejra ohra, meta fis-sentenza ricensjuri moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cassar vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fil-31 ta' Mejju, 2002 illi:-

*“Huwa veru li interpretazzjoni esklussivament litterali tad-disposizzjoni in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni li s-sottomissjoni tal-Awtorita’ tal-Ippjanar hija wahda legalment korretta. Pero’, l-gurisprudenza ta’ din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-disposizzjoni in kwistjoni, cioe’ l-artikolu 15 (2) tal-Att Numru 1 tal-1992. Jekk punt tad-dritt ikun necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord, allura appell fuq l-istess punt ta’ dritt ikun ammissibbli lil din il-Qorti ta’ revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta’ dritt, sia’ pure tacitament. Hekk, per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta’ din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa ultra vires. Dana sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu.”*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li kif inhu impost l-appell odjern dan huwa msejjes fuq il-premessa li l-istess Awtorita’ u allura l-Bord ghamlu interpretazzjoni hazina fil-ligi tal-**artikolu 39A tal-Kap. 356.**

Illi minn qari akkurat tal-istess decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jirrizulta li ma hemm ebda interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu – fil-fatt dan lanqas jissemma fil-parti fejn il-Bord ta l-konsiderazzjonijiet tieghu. Mhux biss izda fl-ebda parti tal-istess sentenza ma’ jirrizulta li l-istess Bord ghamel xi tentattiv ta’ interpretazzjoni tal-istess artikolu citat mill-appellanti u allura ssegwi li dan l-appell ma ma huwiex permissibbli taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** ghaliex ma jittrattax dwar punt ta’ ligi deciz mill-Bord. Lanqas jista’ jinghad li l-istess artikolu kien involut tacitament f’xi konsiderazzjoni li ghamel l-istess Bord sabiex wasal ghal decizjoni tieghu. Dan iwassal sabiex jinghad li l-appell kif impost ma huwiex ammessibbli taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 356** u b’hekk huma korretti s-sottomissjonijiet fit-tielet (3) paragrafu tar-risposta tal-appell tal-kjamat fil-kawza u dawk limitatatment ghall-istess kontenuti fit-tieni (2) paragrafu tar-risposta tal-appell

tal-awtorita' appellata u ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta' tal-appell ta' Ivan Falzon datata 4 ta' Jannar 2008 u r-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 18 ta' Gunju 2008, u dan biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mir-rikorrenti Michael Mifsud fir-rikors tal-appell tieghu datat 12 ta' Dicembru 2007,** *stante* li l-istess appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet indikati f'din id-decizjoni, b'dan ghalhekk li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Michael Mifsud vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat fil-kawza Ivan Falzon"** tat-30 ta' Novembru 2007 (PAB 14/05/ISB) qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Michael Mifsud.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------